**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 29

**Il-Ħamis, 3 ta' Diċembru, 2020.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fil-binja tal-iskola Primarja, ġewwa Birżebbuġa, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | (żewġ persuni) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Baldacchino | Kunsillier |

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Farrugia, ippresjeda l-laqgħa

## 29.01 Indirizz ta' merħba mis-Sur Sindku

Is-Sur Sindku beda billi rringrazzja kemm lis-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll lill-kunsilliera, tax-xogħol iddedikat, li jwettqu ġewwa l-Kunsill. Madankollu, ma setax ma jurix id-diżappunt tiegħu li ġewwa l-lokalità ta' Birżebbuġa, joqogħdu 'l fuq minn 14,000 resident, u preżenti għal din il-laqgħa, kulma kien hemm, żewġt persuni. Huwa stqarr li l-Kunsill qiegħed hemm biex jaqdi u mhux biex jiġi moqdi, filwaqt li meta ma jkunx jista' jaqdi minħabba li ma jkunx fir-rimtu tal-Kunsill, ma jħossux komdu. Madankollu, minħabba ċ-ċirkostanzi Nazzjonali, li forsi żammew lil wieħed milli jattendi għal din il-laqgħa, il-Kunsill ħass il-ħtieġa li jmur hu ġewwa d-djar tar-residenti, permezz ta' xandira live ta' din il-laqgħa annwali, li qed tiġi trasmessa direttament, fuq il-paġna tal-facebook, tal-Kunsill.

## 29.02 Rapport ta' ħidma tal-Kunsill għas-sena 2020

29.02.01 Il-viċi Sindku ta' rapport ta' ħidma tal-Kunsill għas-sena 2020. Huwa qal li din is-sena, għalkemm kellna sena mħarbta u iebsa, minħabba l-pandemija Nazzjonali, madankollu, il-Kunsill xorta waħda ra kif seta' jwettaq ċertu proġetti. Waqt dan il-perjodu, il-Kunsill ra kif wettaq manutenzjoni ġewwa l-uffiċini, fil-binja tal-Kunsill. Huwa spjega kif sar xogħol ta' tibjid, xiri ta' skrivaniji u ornamenti ġodda, xiri ta' laptops għall-iskrivani, sabiex ikunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom aħjar. Il-Kunsill ħa ħsieb li jaġġorna b'sistema telefonika moderna, filwaqt li saħħaħ is-sistema tan-network u s-software. Ingaġġa wkoll skrivana ġdid marbuta mas-servizzi li joffri l-Customer Care, filwaqt li għaddej bil-proċess sabiex jingaġġa persuna oħra. Il-viċi kompla jtenni billi fiehem li l-Awtorità tal-Ippjanar laqgħat l-applikazzjoni għall-estenzjoni tal-binja tal-Kunsill, fejn fil-ġranet li ġejjien ser tkun qiegħda toħroġ sejħa għall-offerti għal bini marbut ma' dan il-permess maħruġ. Il-viċi kompla jtenni fejn din is-sena, il-Kunsill ħareġ sejħa tal-offerti u ngħataw kuntratti ġodda lil tal-Manutenzjoni tal-Ġonna, u ż-Żamma tal-Latrini, fil-lokalità. Permezz ta' ħaddiema barranin, mislufa ġewwa l-lokalità, fil-bidu tal-pandemija, il-Kunsill wettaq ukoll xogħlijiet ta' tisbiħ madwar il-promenade. Dan kien jikonsisti tibjid madwar il-promenade kollu, kif ukoll xiri ta' għamara, bħal bankijiet u bins, u saru rampi fejn meħtieġ. Il-viċi spjega fuq il-krittika kostruttiva fir-rigward tal-ħaddiema fil-komunità, kif irnexxielhom isir bidla qawwija fihom u qegħdin joffru s-sehem tagħhom bis-sħiħ.

29.02.02 Il-kunsillier (AC) kompla jispjega fir-rigward tal-proġetti li saru u li bosta minnhom għadhom għaddejjin, bis-saħħa ta' entitatijiet governattivi, bħal Infrastructure Malta. Bis-saħħa ta' dawn l-entitajiet, saru diversi proġetti, bħal: Triq Zaren Dalli, Triq San Patrizju u l-parkeġġ ta' Wied il-Buni. Fil-mument għaddej ukoll ir-ridott ta' San Ġorġ, l-Afforastration Park, ġewwa Bengħisa, il-Multi-Storey car park, b' kollaborazzjoni mal-Malta Freeport, kif ukoll ir-refurbishing ta' Wied il-Buni.

(AC) kompla jispjega kif il-Kunsill ħa japplika wkoll li jagħmel żewġ bus shelters, l-embellishment tal-Bajja s-Sabiħa, kif ukoll l-automatic barrier tax-xatt, sabiex jitnaqqsu l-abbużi tal-karozzi li jinżlu qalb il-pubbliku.

(AC) spjega wkoll kif fil-ġranet li ġejjien, il-Kunsill, b' kollaborazzjoni ma' Infrustructure Malta, ser ikun qiegħed jibda l-proġett tant mistenni tal-Bajja ta' San Ġorġ, flimkien ma' proġetti oħra, bħal: Triq Ferdinand Stuflesser, Triq il-Bżulija, Triq 22 ta' Frar u Misraħ Mons. Penza.

29.02.03 Il-kunsillier (SZ) spjega kif din is-sena, il-Kunsill kellu problema relatata mat-tender tad-dawl. Dan it-tender ġie ppubblikat min-naħa tar-Reġjun ta' Nofsinhar, u għalhekk il-Kunsill kellu jistenna l-proċess meħtieġ. Issa, ġaladarba l-kuntrattur il-ġdid ġie magħżul, ser ikun qiegħed jibda x-xogħol fil-Bajja s-Sabiħa. Ser ikun qiegħed isir ukoll installazzjoni ta' CCTVs li ħadna permezz ta' skema mir-Reġjun ta' Nofsinhar. Tnejn minn dawn is-CCTVs ser ikunu qegħdin mowbajl, sabiex il-Kunsill jużahom kif ikun meħtieġ fil-mument. (SZ) kompla jispjega kif din is-sena, il-Kunsill, b' kollaborazzjoni mal-Ministru tal-Intern, introduċa s-servizz tal-presenza tal-pulizija fil-komunità. Permezz tal-użu tas-Sala tal-Komunità, sar satelite office, sabiex il-pulizija fil-komunità jkunu jistgħu jpoġġu l-affarijiet bażiċi, relatati mas-servizz tagħhom, bħal roti..*eċċ.* Il-Kunsill, flimkien mal-pulizija fil-komunità, qegħdin iwettqu ħidma kontra l-kriminalità, kif ukoll għaddej proġett tat-traffic management, li flimkien qegħdin naħdmu sabiex naraw kif nistgħu nnaqqsu s-sewqan aċċessiv.

(SZ) spjega wkoll fuq il-proġett marbut ma' Ġnien Indipendenza. F'isem il-Kunsill irringrazzja lil żewġ kumpaniji li għamlu xogħol b'xejn permezz tan-nies tagħhom. Il-Kunsill irċieva fondi mir-Reġjun ta' Nofsinhar, għal irrigation system, li permezz tagħha, qiegħda tintela' l-ġibja, li bl-ilma ta' ġo fiha, qegħdin jissaqqu l-qsari.

(SZ) ta' spjegazzjoni wkoll fuq il-bidu tal-proġett ta' Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa. Il-Kunsill, permezz tal-fondi ta' 'l fuq minn €57,000 mill-GALXLOKK, ser ikun qiegħed iwettaq tisbiħ ġo dan il-ġnien, li mhux biss ser ikun qiegħed iservi għal rikreazzjoni tan-nies, iżda wkoll ser ikun ddedikat għal tfal bl-awtiżmu.

(SZ) spjega kif aktar kmieni din is-sena, il-Kunsill kellu laqgħa mal-ex Ministru tal-Edukazzjoni, sabiex isir żvilupp tal-bandli, quddiem l-iskola Primarja.

(SZ) spjega wkoll dwar il-proġett innovattiv tal-park ta' Benghisa. Flimkien mal-maniġer ta' dan il-proġett, il-Kunsill qiegħed jaħdem sabiex jamalgama flimkien il-mistrieħ tal-bniedem mal-annimali. F'dan il-proġett ser ikun qiegħed isir ukoll restawr tas-sotto terran, li kien jintuża fi Żmien il-Gwerra.

29.02.04 Il-kunsillier (MM) spjegat, kif din is-sena, il-Kunsill, b' kollaborazzjoni ma' Infrastructure Malta, ħa ħsieb li jżejjen il-lokalità permezz ta' 'l fuq minn 5000 siġra. Dawn mhux biss ġew imħawla, iżda wkoll isirilhom il-manutenzjoni, kif meħtieġ. Saret ukoll żieda qawwija ta' dog bins, madwar il-promanade. (MM) ħeġġet ukoll lin-nies, sabiex jagħmlu użu mis-servizz tal-bulky refuse u jżommu l-ambjent nadif.

29.02.05 Il-kunsillier (JBD) tkellmet, kif din is-sena minħabba l-pandemija, il-Kunsill kellu jħassar kull attività li s-soltu jħobb jorganizza. Madankollu, sabiex iferraħ lit-tfal tal-lokalità, fil-ġranet li ġejjien, il-Kunsill, permezz ta' karru mżejjen tal-Milied u b' figura li tirrappreżenta

lil Santa Klaws, ser tkun qiegħda tferraħ it-toroq tal-madwar, bil-presenza ta' dan il-karru. (JBD) tkellmet ukoll fuq it-taqsima tal-bandli ddedikata lit-tfal li jbatu bl-awtiżmu, li ser tkun qiegħda ssir parti mill-Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa. Din is-sistema, ser tkun state of the art, u li s'issa għad m'hawnx bħala, fil-gzejjer Maltin.

29.02.06 Il-kunsillier (DP) spjegat kif din is-sena attivitajiet kemm għat-tfal, kif ukoll għaż-żgħażagħ, kienu restritti. Madankollu, ser tibqa' taħdem bis-sħiħ, sabiex il-Kunsill ikollu l-librerija pubblika ġewwa l-lokalità, kif ukoll l-ewwel Dog Park.

## 29.03 Estimi finanzjarji għas-sena 2021

Il-viċi Sindku spjega l-punti saljenti tal-estimi finanzjarji, li jirringwardjaw id-dħul, l-infiq rikorrenti, u l-infiq kapitali pjanati mill-Kunsill, għas-sena 2021. Fost dawn il-punti, issemmew:

<u>Dħul</u>

Il-Kunsill qed ibassar li jdaħħal total ta' € 901,527 mill-Gvern Ċentrali u skemi diretti mill-Gvern, kif ukoll €29,500 mill-ħlas amminisrattiv fuq infurzar lokali, permessi, sponsors, bye-laws, u dħulijiet oħra.

<u>Infiq</u>

- Emolumenti Personali (Salarji) - Żieda fl-infiq ta' dan il-vot qed tiġi mbassra minħabba żidiet fil-pagi, kemm tal-għoli tal-ħajja, kif ukoll tal-Increments. Kif ukoll lejn l-aħħar ta' din is-sena, żdiedet impjegata ġdida u ser inkunu qed ninpjegaw impjegat/a oħra s-sena d-dieħla. Total allokat għas-salarji huwa ta' ftit inqas minn € 218,000.

<u>Manutenzjoni u operattivi</u>

- Il-Kunsill ser ikompli jaħdem iktar bil-għaqal f'dan ir-rigward. Din is-sena, il-Kunsill qed jalloka is-somma ta €499,200, sabiex ikopru il-manutenzjoni, l-ispejjeż neċessarji, biex iżomm il-lokalità fi stat tajjeb u spejjeż marbutin ma' kuntratti. Wieħed jista' jinnota wkoll li parti minn din iż-żieda ser tkun rimborsata mill-Gvern, sabiex tkompli l-ispejjeż relatati ma' ġbir ta' skart organiku.
- Il-Kunsill qed jalloka is-somma ta madwar € 62,932 għal spejjeż amministrattivi, sabiex jitħaddem l-uffċċju amministrativ, u li jinkludi s-servizzi professjonali li jiġu mogħtija lill-Kunsill.

<u>Infiq Kapitali</u>

- Il-Kunsill qed jalloka vot għal dan il-qasam ta €540,000. B'dan il-vot il-Kunsill qed jippjana li jwettaq diversi proġetti, li fosthom jinkludi wkoll il-proġett fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa. Fuq dan l-aspett, il-Kunsill se jkun qiegħed idaħħal is-somma ta € 57,870 minn Fondi Ewropej, mit-taqsima tal-GALXLOKK.

## 29.04 Interventi mill-pubbliku ġenerali

29.04.01 Resident li joqgħod fil-Housing Estate, fiż-żona Tal-Papa staqsa fuq ix-xogħlijiet li kellhom isiru fuq il-Monument tas-Summit. Dan wara li din iż-żona ġiet magħluqa għal sajf sħiħ u baqa' ma sar xejn.

- Tweġiba għal din id-domanda ngħatat minn (AC). L-islipway kienet daħlet għaliha l-Awtorità tat-Trasport. TM hija l-istess Awtorità li għamlet l-islipway f' Wied il-Buni. Il-Gvern Ċentrali għamel ukoll il-parkeġġ, li għad fadal xi ftit tal-manutenzjoni. Issa wkoll ser issir l-islipway tal-Qajjenza, b' mod speċjali għan-nies ta' Nofsinhar. Madankollu, skont stħarriġ, din l-islipway kellha tkun lesta sal festa ta' Santa Marija. Però, wara ftit li beda x-xogħol, dan kien ġie mwaqqaf ħesrem. Minn stħarriġ li għandu l-Kunsill, jidher li kien hemm xi problema fit-tender. Meta l-Kunsill iċċekkja dwar dan, ir-riżulta li dan il-kuntrattur, kulma kien qiegħed jagħmel huwa biss, li jisserva b'dik iż-żona sabiex jaħdem marterjal biex jużah ġewwa lokalità oħra. Sa dawn l-aħħar ġranet saret pressjoni, biex dik iż-żona titnaddaf. Skont informazzjoni, ix-xogħlijiet fuq din l-islipway ser jitkompla f' Jannar 2021.

29.04.02 Dan l-istess resident talab, kif fiż-żona tal-HE, hemm ħajt li qiegħed hemm għalxejn. Huwa ssuġġerixxa li jsir tisbieħ, jew inkella parkeġġ. (MM) wieġbet li f'dik iż-żona, hemm area fejn diġà qiegħed isir twaħħil ta' siġar. (AC) fiehem ukoll li l-Kunsill, fil-preżent għaddej fuq policy tal-parkeġġ. (AC) kompla jispjega li f'dik iż-żona hemm ukoll problema ta' tarmak, kif ukoll il-Kunsill iħoss li teżisti problema tal-liftijiet fil-HE. Għaldaqstant, is-Sindku talab lir-resident, sabiex jitlob laqgħa mal-Kunsill, biex flimkien isibu l-aqwa soluzzjonijiet.

## 29.05 Għeluq tal-laqgħa

29.05.01 Il-Kunsill irimarka li ttieħdet nota tas-suġġerimenti riċevuti, u li ser ikunu kkunsidrati mill-istess Kunsill.

29.05.02 Is-Sindku rringrazzja lill-pubbliku preżenti, talli għoġbohom jattendu u jipparteċipaw.

29.02.03 Il-viċi xtaq ukoll li jirringrazzja lil dawk il-kumpaniji li għenu waqt il-pandemija u ħadmu b' mod voluntarju.

29.02.04 (SZ) xtaq li jirringrazzja wkoll lil dawk il-parteċipanti, fosthom nies professjonali, li għoġobhom joffru ħinhom għas-sejħiet tas-sotto kumitati, li ser jibdew jiltaqgħu s-sena d-dieħla.

29.02.05 (MM) xtaqet ukoll li tirringrazzja lil sotto-kumitati tal-Ambjent, l-għaxar persuni, li jieħdu ħsieb tal-Clean-ups, fil-lokalità u tant għaqdiet oħra.

29.02.06 Ġie nnotat ukoll li kien hemm 'l fuq minn tmenin persuna li kienet qiegħda ssegwi din il-laqgħa, permezz tal-paġna tal-facebook.

29.02.07 Din il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

___________________________

Joseph Farrugia
Sindku

**IFFIRMATA**

_________________________

Rosalie Mintoff
Segretarju Eżekuttiv